# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 54/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**DS**

**vs**

**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' DS, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., fejn inghad :

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 1995 (certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok 'A'), u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal li jahdmu bi qliegh hlief ghal DC li ghadu jistudja full-time l-Universita ta' Malta ;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt pubblikat in atti Nutar Malcolm Mangion datat 12 ta' Frar 2013 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markat Dok 'B' ;*

*Illi ghalhekk ghaddew aktar minn erba snin mid-data tas-separazzjoni legali ;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti stante illi minbarra li ilhom 'il fuq minn erba' snin (4) mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin ;*

*Illi l-esponenti huma cittadini Maltin u t-tnejn huma domiciljati Malta ;*

*Illi ulied il-partijiet ghandhom dhul u/jew manteniment adegwat u inoltre m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet ;*

*Illi l-esponenti jixtiequ li jigu pronunzjat id-divorzju bejniethom ;*

*Illi dawn l-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit u gie spjegat lilu d-dritt li jkun assistit (vide fol 21) u ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u ma jopponix ghad-divorzju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DS** xehdet a fol 22 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Marzu 1995 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-12 ta' Frar 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal li llum il-gurnata huma kollha maggorenni, ghalkemm wiehed minnhom ghadu jistudja l-Universita. Xehdet illi m'hemm ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JC** xehed a fol 24 *et seqq.* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 1995 (vide Dok. A, a fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, datat 12 ta' Frar 2013 (Vide Dok.B, a fol 3 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**